MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NATASHA GALEA SCIBERRAS**

Seduta ta' l-24 ta' Mejju, 2013

Numru. 283/2010

**Il-Pulizija**
**(Supt Carmelo Bartolo)**

**vs**

**Tenardier Cassar**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat Tenardier Cassar, ta’ 34 sena, iben Emanuel u Maria Anna nee’ Veneziani, imwieled Pieta’ nhar il-11 ta’ Mejju 1976, residenti 12, Bin ital-Gvern, Triq il-Mithna, Bormla u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 255276(M):

Akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer nhar il-31 ta’Awwissu 2005 u matul ix-xhur ta’ qabel din id-data:

a) Kellu fil-pussess tieghu d-droga Eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba u jerga' lura minnha;

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat:

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmula mill-imputat, il-Qorti ma tistax hlief issib lill-istess imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni t-trapass taz-zmien ghal-ragunijiet mhux imputabbli lill-

imputat, il-fedina penali tieghu li tinkludi diversi sejbien ta' htija dwar reati relatati ma' droga li fir-rigward taghhom inghata dejjem liberazzjoni kundizzjonata. Min-naha l-ohra il-Qorti qed tqis li l-imputat ghamel programm ghar-rijabilitazzjoni mill-vizzju gewwa San Blas u llum qieghed 'clean' u ghadu jattendi San Blas perjodikament. Madankollu, tqis ukoll li jkun ta' gid ghall-istess imputat li jigi segwit sabiex jibqa' fit-triq it-tajba.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 u r-Regolament 9 tal-Legizlazzjoni Sussidjarja 101.02, issib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tqieghed lill-hati taht Ordni ta' Probation ghal zmien sentejn mil-lum bil-kundizzjonijiet kontenuti fl-Ordni tal-Probation hawn annessa, liema Ordni ghandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul il-perjodu ta' Probation jew jekk jonqos milli jsegwi xi wahda mill-ordnijiet stipulati fl-Ordni tal-Probation, u l-hati esprima r-rieda tieghu li jikkonforma mal-htigijiet ta' din l-Ordni.

Il-Qorti tordna illi kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga, Dokument CB2, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------